MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 6/2008

AA

Vs

BB

Il-Qorti;

1. Permezz tal-kawza prezentata fl-24 ta’ April 2008, l-attrici nomine qeghda titlob dikjarazzjoni li l-konvenut m’huwiex il-missier naturali tal-minuri CC, u ghalhekk talbet ukoll li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri fis-sens li fil-parti “Taghrif dwar Missier it-Tarbija” jitnehha l-isem ta’ BB u jigi sostitwit bil-kliem “missier mhux maghruf”. Dan wara li ppremettiet li l-minuri twieled fis-** u li b’kuntratt ta’ separazzjoni li sar **, AA u BB sseparaw minn ma’ xulxin. Ippremettiet ukoll li ghalkemm

il-minuri ghandu stat ta' iben legittimu skond l-att ta' twelid, fir-realta' l-istat li ghandu m'huwiex konformi ma' dak li jirrizulta mill-att ta' twelid tant li l-minuri hu maghruf li m'huwiex l-iben legittimu tal-konvenut, il-konvenut ma jittrattax lill-minuri bhala ibnu tant li jaghtih biss is-somma ta' hames liri Maltin (Lm5) fil-gimgha bhala manteniment, u jezercita l-access biss sabiex juzah bhala arma kontra l-omm.

2. Permezz ta' risposta guramenta prezentata fis-27 ta' Mejju 2008 (fol. 23), il-konvenut BB eccepixxa fl-ewwel lok li:-

a. Id-digriet moghti mill-qorti fil-11 ta' Frar 2008 li permezz tieghu l-attrici giet nominata kuratrici ad litem ta' binha minuri CC liema digriet ta s-setgha li taghmel il-kawza, ma tirriflettix ix-xewqa, ir-rieda u l-interess tal-minuri li ghad ghandu biss tmien (8) snin u m'ghandux is-sens ta' dixxerniment li jqis tajjeb l-effetti u l-konsegwenzi tad-domanda dedotta fil-gudizzju. Il-kawza hi frott tar-rieda esklussiva ta' AA, li ngustament ghall-minuri qed tipprova timponi fuq dan it-tifel l-istat ta' iben illegittimu, stat ta' iben missier mhux maghruf meta prezentement it-tifel ghandu stat legittimu ppruvat kemm bl-att tat-twelid, ir-registri tal-parrocca fejn it-tifel gie mghammed, u l-pussess kontinwu ta' l-istat ta' iben imnissel u imwieled matul iz-zwieg stabbilit minn gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, juru r-rabta ta' filjazzjoni bejn dan it-tifel, il-konvenut u l-familja tieghu.

b. Il-minuri m'ghandux interess guridiku sabiex jaghmel din il-kawza, in kwantu jekk ikollha ezitu favorevoli twassal sabiex it-tifel isir iben missier mhux maghruf. Din il-kawza m'ghandha l-ebda utilita' ghall-minuri. L-interess tal-minuri ghandu jinzamm separat minn dak ta' ommu, li ghandha nteress li taghmel hsara lill-konvenut minghajr ma taghti l-ebda vantagg lill-minuri.

3. B'mod prelimari l-konvenut l-iehor eccepixxa li (fol. 26) il-meritu ta' din il-kawza diga' qieghed jigi trattat

f'rikors iehor bin-numru 12/2006 prezentat quddiem il-Qorti mir-rikorrrenti AA. Kawza li giet sospiza ghaliex qeghda tistenna l-ezitu ta' rikors kostituzzjonali fl-ismijiet: **AA vs Avukat Generali et** (**)[1].

4. Din is-sentenza parzjali ser tittratta l-eccezzjonijiet preliminari fuq imsemmija.

5. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

(a) AA u BB zzewwgu fit-**, minn liema zwieg twieldu tlett itfal: DD (**), EE (**) u CC (**). Ghalhekk il-minuri ghandu tmien (8) snin.
(b) Permezz ta' kuntratt pubbliku tat-** fl-atti tan-nutar FF (fol. 6) sehhet il-firda personali. Il-kura u kustodja tat-tifel inghatat lill-omm bi dritt ta' access ghall-konvenut, li obbliga ruhu li jhallas hmistax-il lira Maltija (Lm15) ghat-tlett itfal.
(c) Fit-** AA ipprezentat kawza[2] sabiex il-qorti tiddikjara li l-konvenut m'huwiex il-missier naturali tat-tifel CC. Permezz ta' sentenza li nghatat fis-17 ta' Gunju 2008, il-qorti cahdet it-talbiet ta' l-attrici wara li ddikjara li *".....l-minuri jirrizulta li huwa fil-pussess ta' stat konformi ma' dak li juri l-att ta' Twelid tieghu....."*. L-attrici appellat pero' fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2008 (fol. 104) id-difensur taghha ddikjara li l-appell gie cedut. Jidher ghalhekk li din il-kawza giet deciza fil-meritu. Stranament f'dik il-kawza l-minuri ma kienx parti fil-kawza. Ghalhekk m'hemmx dubju li dik is-sentenza ma tista' qatt tkun gudikat fil-konfront tal-minuri[3].
(d) Fil-15 ta' Jannar 2008 l-attrici pprezentat rikors fejn talbet lill-qorti li tinhatar bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri sabiex tirraprezenta l-interessi tieghu fil-kawza odjerna, wara li ppremettiet li *"Illi l-minuri CC jrid li jkun hemm*

[1] L-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku giet irtirata fis-seduta tas-26/11/2008 (fol. 104) u t-tieni eccezzjoni fis-seduta tas-17/6/2008 (fol. 28).
[2] **AA vs BB et** (Rikors numru: **).
[3] Dan qieghed jinghad in kwantu d-difensur tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ddikjara (seduta tas-26 ta' Novembru 2008) *"....li llum hemm gudikat in kwantu fil-kawza fuq imsemmija l-qorti kienet ddecidiet il-kwistjoni dwar il-paternita' tal-minuri fil-mertu."* (fol. 104).

*dikjarazzjoni li l-konvenut mhux il-missier biologiku tieghu u konsegwentement issir korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu fuq indikat billi dan jigi emendat billi fil-kolonna intestata "Taghrif dwar missier it-Tarbija" ir-riferenza BB bhala missier it-tarbija tigi sostitwita bil-kliem "missier mhux maghruf"....".* B'digriet moghti fil-11 ta' Frar 2008 il-qorti laqghet it-talba ***"....fis-sens li tahtar lir-rikorrenti bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri CC ghall-iskop li jissemma fir-rikors."***. Il-kawza giet prezentata fl-**.

6. Jibda biex jinghad li wara d-dikjarazzjoni li saret mill-avukat GG fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2008, it-tielet eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tilfet kull sinifikat.

7. Bhala principju l-minuri m'ghandhomx is-setgha li joqghodu f'kawza hlief fil-persuna tal-genitur li ghandu s-setgha tal-missier, u fin-nuqqas fil-persuna ta' tutur jew kuratur (Art. 781[a] tal-Kap. 12). Provvediment li ma japplikax fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 782 tal-Kap. 12:-

**782.** Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 781 ma għandhomx japplikaw għal -

(*a*) xi minuri, jekk dan ikun fil-kummerċ bil-kunsens tal-ġenitur li jkun qed jeżerċita s-setgħa tal-missier għad li l-kawża ma tkunx fuq affarijiet tal-kummerċ, jew meta dak il-ġenitur ikun ta espressament il-kunsens tiegħu sabiex il-minuri jista' jħarrek jew jiġi mħarrek mingħajr l-assistenza tiegħu;

(*b*) xi minuri f'kawżi kontra l-imsemmi ġenitur, basta li dak il-minuri jkollu kuratur *ad litem.*

Mill-atti hu evidenti li bejn AA u l-konvenut hemm kwistjonijiet. Ghalkemm bid-digriet tal-** AA kienet giet mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri, il-qorti tqies li jkun iktar floku jekk tvarja d-digriet tal-11 ta' Frar 2008 u tinnomina kuratur iehor sabiex jigi accertat li l-interessi tal-minuri jipprevalu u ma jkunx hemm xi riskju li l-interessi personali ta' AA jiehdu post dawk tal-minuri. M'hemmx dubju li l-interessi ta' l-omm jistghu jkunu differenti minn

dawk tal-minuri. Ghalhekk il-qorti qeghda tvarja d-digriet moghti fil-11 ta’ Frar 2008 billi tinnomina lill-avukat HH minflok lil AA.

8. Din il-kawza hi ntiza sabiex tattakka l-presunzjoni tal-paternita’ kontemplata fl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili li jipprovdi li ***"l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu"***. Presunzjoni li hi biss *juris tantum*. M’hemmx dubju li l-ligi taghti lit-tfal id-dritt li jaghmlu ricerka dwar il-paternita’ taghhom. Tant hu hekk li l-Artikolu 81 jipprovdi:-

**81.** (1) Hadd ma jista’ jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta’ stat li jaqbel ma’ dak l-att.

(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista’ jattakka l-istat ta’ iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta’ tifel li jkollu l-pussess ta’ stat li jaqbel ma’ l-att tat-twelid tiegħu.

Minn dan il-provvediment jidher li iben ghandu l-jedd li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih att ta’ twelid bhala iben imwieled matul iz-zwieg, meta l-pussess ta’ stat ma jaqbilx ma’ l-istat li jaghtih l-att ta’ twelid. Hu mill-provi li jrid jirrizulta jekk iben ghandux pussess ta’ stat li jaqbel ma’ stat li jaghtih l-att tat-twelid. Ghalhekk il-presunzjoni *juris tantum* issir *juris ed de jure* meta l-istat ta’ tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att ta’ twelid, imma jkun jaqbel mal-pussess ta’ stat; *“Fi kliem iehor, dik il-presunzjoni hija assoluta biss fil-kaz li l-filjazzjoni tkun pruvata bl-att tat-twelid “u” bil-pussess ta’ stat uniformi ghal dak l-att; u ghalhekk f’dan il-kaz mhux moghti lit-tifel li jirreklama stat divers minn dak attribwit lilu mill-att tat-twelid u mill-pussess ta’ stat. Imma meta ma jikkonkorrux flimkien dawk iz-zewg estremi, jigifieri l-att tat-twelid u l-pussess ta’ stat, dik il-prezunzjoni ma tibqax assoluta, u l-paternita’ legittima rizultanti mill-att tat-twelid ista’ tigi eskluza bi provi ta’ fatt li jigu apprezzati mill-gudikant. (art 95 Kap. 23; Vol. XXIII.ii.128; XXIV.i.127; XXV.ii.70; XXIX.ii.605; XXXII.ii.309)”* (**Adelaide Orr nomine vs**

**Barry Collison et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Ottubru 1953[4]).

Hekk ukoll fil-kawza **Antonio Scerri Gauci -vs- Dottor Giovanni Scicluna noe**", Appell Civili, 14 ta' Jannar 1952 (Vol. XXXVI.i.1) il-Qorti ta' l-Appell issottolinejat: *"it-tifel ghandu dritt jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponielu l-ligi ghall-ezercizju ta' dik l-azzjoni ...* ***L-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jipposjedi stat konformi ma' l-att tat-twelid tieghu."***. Principju li gie konfermat fil-kawza **Penelope Lee proprio et nomine vs Joseph Agius et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003[5]. Il-qorti osservat li bl-Artikolu 81 tal-Kodici Civili, *"Hu ovvju li b'din id-disposizzjoni l-ligi tissubordina l-presunzjoni tal-paternita` ghall-presuppost ulterjuri li t-tifel huwa dikjarat bhala legittimu fl-att tat-twelid tieghu u ghandu pussess ta' stat li jaqbel ma' dan l-att."*.

Ghalkemm il-konvenut jargumenta li iben m'ghandux interess guridiku li minn stat legittimu jigi registrat bhala iben missier mhux maghruf, hi l-ligi li taghti d-dritt ta' azzjoni lill-iben biex jikkontesta l-legittimita' li tirrizulta minn att ta' twelid. M'hemmx dubju wkoll li iben ghandu nteress li jitlob li tigi determinata r-realta' bilogika dwar il-paternita' tieghu. Kif tajjeb osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Carmen Zammit proprio et nomine vs Wail Dadouch et** deciza fid-19 ta' April 2005, *"Huwa rrilevanti li fil-kaz odjern il-missier legali iddecieda li ma jistitwix proceduri biex jichad il-paternita` tieghu. Il-legislatur ma riedx li r-ragel ta' l-omm ikollu l-ahhar kelma jekk il-paternita` tieghu tigix attakata jew le, liema sitwazzjoni tista' facilment twassal ghal abbuz. Kien prezumibilment ghal din ir-raguni li l-legislatur ta d-dritt ta' azzjoni lil kull terz interessat, u finalment ta ukoll dritt ta' azzjoni lit-tifel/a, fiz-zewg kazijiet taht il-kundizzjonijiet u limitazzjonijiet stipulati fil-ligi."*. Il-qorti kompliet tosserva li, *"Ghalkemm ufficjalment il-missier jibqa' mhux maghruf,*

---

[4] Vol. XXXVII.ii.768.
[5] Imhallef P. Sciberras.

*ghall-inqas it-tifla ma titrabbiex bhala t-tifla ta' ragel li -- jekk l-allegazzjonijiet jigu ppruvati -- certament ma jistax ikun missierha."*.

9. Tista' forsi tqum il-kwistjoni dwar jekk din it-tip ta' kawza ghandix issir meta l-iben ikun ghadu minuri. Tezisti gurisprudenza fis-sens li azzjoni ghar-ricerka ghal paternita' ma tistax issir ghan-nom ta' minuri, in kwantu l-azzjoni jekk ikollha ezitu favorevoli jkollha effett kontra l-interessi tal-minuri; *"l'uno morale e civile, consistente nel privarla del prezioso stato di figlia legittima del marito di sua madre, percio' suo padre, in virtu della presunzione della legge 'pater is est quam justa nuptiae demonstrant", l'altro pecunario sebbene eventuale di farle perdere la successione del padre legittimo."*. F'dan il-kuntest issir riferenza ghal kawzi:-

- **Carmelo Degiorgio nomine vs Vincenzo Bonello** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 1903 (Vol. XVIII.ii.320);
- **Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April 1946 (Vol. XXXII.ii.309);
- **Teresa Schembri nomine vs Giuseppe Xuereb et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Jannar 1960[6].

Madankollu hemm gurisprudenza iktar ricenti li tirrikonoxxi azzjoni li ssir ghan-nom ta' minuri intiza biex tattakka l-presunzjoni legali li tirrizulta mill-Artikolu 67 tal-Kodici Civili:-

- **Calcedonius Ciantar nomine vs Direttur tar-Registru Pubbliku et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7] fil-21 ta' Ottubru 2002;

---

[6] *"Id-dritt ghar-ricerka tal-paternita' naturali taghha kontra stat ta' legittimita' attribwit lilha bl-att tat-twelid huwa dritt essenzjalment morali, billi huwa ta' ordni superjuri ghall-interess pekunjarju, ghalkemm jista' jkun minnu akkumpanjat. Il-konsegwenzi ta' stat ta' illegittimita', darba stabbilit, huwa irriparabbli, u jolqtu l-individwu u lis-socjeta in generali, u jibqghu jinhassu minn generazzjoni ghall-ohra. Gahlhekk, fil-fehma tal-gudikant, l-ezercizzju ta' dan id-dritt ghandu jkun rizervat ghat-titolari tieghu personalment."*.

- **Gino Camilleri nomine et vs Maged Fawzy Mohamed El Shaer et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[8] fil-31 ta' Jannar 2003;
- **Carmen Zammit proprio et nomine vs Wail Dadouch et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Frar 2003.

Hu fatt li:-

(a) M'hemm l-ebda provvediment fil-ligi jew xi indikazzjoni, li kawza ta' din ix-xorta tista' ssir biss minn iben li hu maggorenni.
(b) Jidher li fl-epoka attwali l-prijorita' tinghata ghal jedd ta' persuna li tkun taf x'inhuma l-origini taghha;
(c) L-istigma u t-timbru li wiehed ikun registrat bhala wild missier mhux maghruf, m'ghadix dik li kienet fiz-zmien li nghataw is-sentenzi li esprimew il-fehma li ma tistax issir azzjoni simili ghan-nom ta' minuri.

Inoltre, u f'kull kaz wara l-ordni li nghatat f'din is-sentenza l-minuri ser ikun rapprezentant minn kuratur *ad litem* li hu indipendenti mill-kwistjonijiet interni li jezistu bejn il-familjari u li ghandu jagixxi wkoll bhala avukat ghall-minuri. B'hekk jigi assigurat li d-drittijiet tal-minuri jigu mharsa f'kull aspett u jigi accertat li dak li qieghed isir hu verament fl-interess tal-minuri. Il-kuratur ghandu wkoll jassisti lill-minuri u jaghtih informazzjoni pertinenti, u jipprotegih mill-perikolu li jista' jidderiva mill-immaturita' u nuqqas ta' esperjenza fil-prosegwiment ta' din il-kawza. Dan kollu fl-ottika ta' konvenzjonijiet internazzjonali bhal ma hi l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Ezercizzju tad-Drittijet tat-Tfal (Strasbourg, 1996) u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Ghalhekk ser ikun f'posizzjoni li jipprocedi fl-ahjar interess tal-minuri u ser jigi assigurat li jigu protetti d-drittijiet tal-minuri li wara kollox hu membru tal-komunita li bhal kull persuna ohra jgawdi drittijiet.

---

[7] Imhallef P. Sciberras.
[8] Imhallef P. Sciberras.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad l-eccezzjonjiet numru wiehed (1) u tnejn (2) tal-konvenut BB u t-tielet (3) eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tordna l-prosegwiment tal-kawza. Kull konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez relatati ma' l-eccezzjoni li nghatat minnu u li giet michuda permezz ta' din is-sentenza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------